MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2012

Numru. 912/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Lawrence Pace**
**Clayton Mifsud**
**Carl Pace**
**Shirley Pace**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Lawrence Pace ta’ 35 sena bin Carmelo u Pauline nee’ Vassallo imwieled il-Pieta’ fil-21 ta’ Settembru 1975 u residenti fil-font Nru. 10 Flt Nru 8, Sqaq Toni Bajada, il-Belt Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 465975(M) u l-imputat Clayton Mifsud ta’ 29

sena, bin Joseph u Domenica nee’ Farrugia imwieled il-Pieta’ fid-19 ta’ Lulju, 1982 u residenti fil-font imsejjah ‘il-Camarata, it-Tieni sular, Flt Nru. 4 Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 391082(M) u l-imputat Carl Pace ta’ 18-il sena bin Carmelo u Pauline nee’ Vassallo imwieled il-Pieta’ fis-6 ta’ Awwissu 1993 u residenti fil-font Nru 182, Flt Nru 9, Triq Sant’ Ursula, il-Belt Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 349693(M) u l-imputata Shirley Pace ta’ 30 sena bint Carmelo u Pauline nee’ Vassallo imwielda l-Pieta’ fis-7 ta’ Ottubru 1980 u residenti fil-font Nru. 110 Flt Nru 4, Triq San Guzepp, il-Belt Valletta u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 508480(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

A) Filwaqt li kienu fil-font: Nru 70 Flt Nru. 8 li jinsab f’Misrah l-Arcisqof Gonzi, gewwa l-Kalkara, nhar l-10 ta’ Ottubru 2010, ghall-habta tas-6.05 ta’ filghaxija, volontarjament hassru, ghamlu hsarat jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ ikkawzaw hsarat volontarja fuq laptop tad-ditta u numru tas-serje mhux maghrufa, ghall-valur ta’ madwar 1,000ewro; sett speakers ta’ l-ghamla u mudell mhux maghrufa, ghall-valur ta’ madwar 200 ewro; u diversi ghamara, li jammontaw ghal madwar 390 ewro, ghad-dannu ta’ Anthony Busuttil mill-Kalkara u persuni ohra.

Lil Carl Pace wahdu:

B) Fl-istess data, lok u cirkustanzi, filwaqt li kien fil-font: Nru. 70, Flt Nru 8, li jinsab f’Misrah l-Arcisqof Gonzi, gewwa l-Kalkara volontarjament ikkawza griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anthony Busuttil mill-Kalkara, skond kif iccertifikat minn Dr. Renzo Degabriele M.D. (Warrant Mediku Nru. 2477), it-tabib tac-Centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid;

Lil Clayton Mifsud wahdu:

D) Fl-istess data, lok u cirkostanzi filwaqt li kien fil-font: Nru. 70 Flt. Nru. 8 li jinsab f’Misrah l-Arcisqof Gonzi, gewwa l-Kalkara, volontarjament hassar, ghamel hsara

jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' ikkawza hsarat volontarja fuq il-bieb ta' barra ta' l-istess font imsemmi ghad-dannu ta' Anthony Busuttil mill-Kalkara u persuni ohra, liema hsara teccedi it-23.29 ewro izda mhux izjed minn 116.47 ewro.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati jhallsu spejjez li ghandhom x'jaqsu mal-hatra ta' l-esperti skond l-art 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Awwissu 2011 (esebit a fol. 15 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2012 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-12 ta' Jannar 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat l-fatt li l-parte civile irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputati ghal dak kollu rinunzjabbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

Stante r-rinunzja tal-parte civili l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat Carl Pace wahdu.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputati b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ hames mitt ewro (€500) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum milli jimmolestaw jew jivvessaw lil Anthony Busuttil u lil familja tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------